

Brussell, 25 ta' Ottubru 2023  
(OR. en)

14311/23  
PV CONS 47  
TRANS 427  
TELECOM 305  
ENER 555


**ABBOZZ TA' MINUTI**  
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA  
(Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija)  
17 ta' Ottubru 2023

## 1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 13893/23.


### Deliberazzjonijiet leġislattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

2. **Regolament li jemenda r-Regolamenti (UE) 2019/943 u (UE) 2019/942 kif ukoll id-Direttivi (UE) 2018/2001 u (UE) 2019/944 biex jittiejeb id-disinn tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni**  14084/23  
14085/23  
*Approċċ ġenerali*

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali, abbażi tat-test ippreżentat lill-Kunsill, li jinkludi xi emendi proposti matul il-laqgħa. Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

### Affarijiet oħra

3. a) Is-sitwazzjoni tal-enerġija fl-Ukrajna<sup>1</sup> 14218/23  
*Informazzjoni*
- b) Dikjarazzjoni politika dwar il-finanzjament tal-effiċjenza enerġetika u l-Koalizzjoni Ewropea għall-Finanzjament tal-Effiċjenza Enerġetika 13988/23  
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*
- c) Abbozz tal-NECPs aġġornati - is-sitwazzjoni attwali tas-sottomissjonijiet u l-valutazzjoni tal-Kummissjoni 13992/23  
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*
- d) Tħejjija għax-xitwa 2023/2024 13993/23  
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*
- e) **Perturbazzjoni fil-Balticconnector bejn il-Finlandja u l-Estonja fit-8 ta' Ottubru 2023**  14089/23  
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Finlandiża u dik Estonjana*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mid-delegazzjoni Daniża u dik Estonjana.

---

<sup>1</sup> Preżentazzjoni mill-Ministru għall-Enerġija tal-Ukrajna.

- f) **L-impatt negattiv tas-suq tal-kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fuq il-politika dwar l-enerġija u l-klima u l-fattibbiltà li jintlaħqu l-miri tat-tranżizzjoni tal-enerġija**

13825/23

*Informazzjoni mid-delegazzjoni Pollakka*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mid-delegazzjoni Pollakka.

- 
- ① L-ewwel qari
- ② Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
- C Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

DIKJARAZZJONIJIET GĦALL-PUNTI LEĠIŻLATTIVI "B" LI JINSABU FID-

DOKUMENT 13893/23

Dwar il-punt "B"  
nru 2:

**Regolament li jemenda r-Regolamenti (UE) 2019/943 u (UE) 2019/942  
kif ukoll id-Direttivi (UE) 2018/2001 u (UE) 2019/944 biex jittejjeb id-  
disinn tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni**  
*Approċċ ġenerali*

**DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA - Spjegazzjoni tal-vot**

"Għalkemm l-approċċ ġenerali fih diversi elementi pożittivi biex jinċentivaw l-investimenti f'teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju li huma kruċjali għat-tranżizzjoni tal-enerġija u jirrikonoxxi r-rwol tal-enerġija nukleari bħala sors meħtieġ ta' enerġija nadifa għad-dekarbonizzazzjoni sigura u sostenibbli tal-ekonomija, l-Ungerija ma tistax tappoġġa l-proposta dwar ir-regolament biex jittejjeb id-disinn tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni li jemenda d-direttiva dwar is-suq tal-elettriku, peress li nqisu li l-proposta ma toffrix biżżejjed flessibbiltà lill-Istati Membri biex japplikaw regolamentazzjoni tal-prezzijiet taħt il-kost jekk dan ikun meħtieġ għall-protezzjoni tal-konsumaturi domestiċi f'każ ta' kriżi tal-enerġija. Fil-fehma tagħna, l-Istati Membri għandu jkollhom id-dritt li jstabilixxu prezzijiet tal-elettriku taħt il-kost fil-limiti tal-kompetenza tagħhom biex jevitaw prezzijiet eċċessivi tal-enerġija għall-konsumaturi domestiċi."